SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

12 ta' Lulju 2012 *

"Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda — Iffissar tat-taxxa fuq il-ħażniet żejda ta' prodotti agrikoli — Riferiment, f'dispożizzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, għal dispożizzjoni ta' regolament tal-Unjoni li ma ġiex ippubblikat regolarment f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bil-lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni"

Fil-Kawża C-146/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Riigikohus (l-Estonja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Marzu 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Marzu 2011, fil-proċedura

AS Pimix, fi stralċ

vs

Maksu- ja Tolliameti Lõuna maksu- ja tollikeskus,

Põllumajandusministeerium,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, U. Lõhmus, A. Rosas, A. Arabadjiev u C. G. Fernlund (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Mejju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal AS Pimix, fi stralċ, minn M. Ots, avukat, u T. Pikamäe, vandeadvokaat,

— għall-Gvern Estonjan, minn M. Linntam, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Saaremäel-Stoilov, H. Tserepa-Lacombe u A. Marcoulli, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Estonjan.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 288 TFUE u 297(1) TFUE kif ukoll l-Artikolu 58 tal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236, p. 33, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni tal-2003").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn minn naħa AS Pimix (iktar 'il quddiem "Pimix"), fi stralċ, u min-naħa l-oħra l-Maksu- ja Tolliameti Lõuna maksu- ja tollikeskus (Ċentru fiskali u doganali tan-Nofsinhar tal-awtorità fiskali u doganali) u l-Põllumajandusministeerium (Ministeru tal-Agrikoltura) dwar il-ġbir ta' taxxa fuq il-ħażniet żejda.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

L-Att ta' Adeżjoni tal-2003

3 Skont l-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu l-Istati Membri l-ġodda u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati Membri bil-kondizzjonijiet kif imniżżla f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 41 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tieħu l-miżuri intiżi sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mis-sistema fis-seħħ fl-Istati l-Membri l-ġodda leja is-sistema li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni. Dawn il-miżuri tranżitorji "jistgħu jittieħdu matul perijodu ta' tliet snin wara d-data ta' l-adeżjoni u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dak il-perijodu".

5 L-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jipprovdi:

"It-test ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet u tal-Bank Ċentrali Ewropew adottati qabel l-adeżjoni u mħejjija mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni jew mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-lingwa: Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Slovena ghandhom, mid-data ta' l-adeżjoni, ikunu awtentiċi bl-istess kondizzjonijiet bħat-test fil-ħdax-il lingwa attwali. Għandhom ikunu ppubblikati [f'I]l-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-test tal-lingwi attwali kienu hekk ġew ippubblikati."

Ir-Regolament Nru 1

6 Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1, [tal-15 ta' April 1958], li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3), kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni tal-2003, il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni huma "iċ-Ċek, id-Daniż, l-Eston, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż"

7 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Ir-Regolamenti u dokumenti oħra ta' applikazzjoni ġenerali għandhom ikunu abbozzati fl-għoxrin lingwa uffiċjali."

8 L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun ippubblikat fl-għoxrin lingwa uffiċjali."

9 L-Artikolu 8 ta' dan l-istess regolament jipprovdi

"Jekk xi Stat Membru jkollu aktar minn lingwa uffiċjali waħda, il-lingwa li għandha tintuża għandha tkun, fuq talba minn dak l-Istat, irregolata mir-regoli ġenerali tal-liġi tiegħu.

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 1972/2003

10 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1972/2003, tal-10 ta' Novembru 2003, dwar il-miżuri tranżitorji li għandhom ikunu adottati fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti agrikoli minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Polonja, Slovenja u Slovakkja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 474), huwa ġuridikament ibbażat, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 41 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.

11 Skont il-premessa 1 tiegħu, ir-Regolament Nru 1972/2003 huwa intiż "sabiex [jevita] ir-riskju tat-tgħawwiġ tal-kummerċ, li jaffettwa l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli minħabba l-adeżjoni ta' l-19 Stati ġodda ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004". Fid-dawl ta' dawn ir-riskji, il-premessa 3 ta' dan ir-regolament tenfasizza li "[d]ispożizzjonijiet għandhom, għalhekk, ikunu magħmula għal ħlasijiet bħala deterrent li għandhom ikunu mposti fuq il-ġażniet żejda fl-Istati Membri ġodda".

12 Għal dan il-għan, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1972/2003 jeħtieġ li l-Istati l-Membri l-ġodda għandhom jintaxxaw lid-detenturi ta' ħażniet żejda ta' prodotti f'ċirkulazzjoni libera fl-1 ta' Mejju 2004.

13 L-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Sabiex tkun iddeterminata il-ħażna żejda ta' kull detentur, l-Istati Membri ġodda għandhom iqisu, partikolarment:

(a) il-medja tal-ħażniet disponibbli fit-tlett snin ta' qabel l-adeżjoni;

(b) it-tip tal-kummerċ fit-tlett snin ta' qabel l-adeżjoni;

(ċ) iċ-ċirkostanzi li fihom dawn il-ħażniet kienu akkumulati.

Il-ħażniet żejda kif mistħajla huma applikabbli għal-prodotti importati fl-Istati Membri ġodda jew li joriġinaw minn l-Istati Membri ġodda. Il-ħażniet żejda kif mistħajla huma applikabbli wkoll għall-prodotti intiżi għas-suq tal-Istati Membri ġodda.

[...]"

14 L-Artikolu 4(3) ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-ammont tat-taxxa fuq il-ħażniet żejda huwa ddeterminat abbażi tad-dazju fuq l-importazzjoni *erga omnes* applikabbli fl-1 ta' Mejju 2004. Dan id-dazju huwa ffissat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1789/2003, tal-11 ta' Settembru 2003, biex jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 14, p. 3).

15 Sabiex jiġi żgurat li t-taxxa fuq il-ħażniet żejda hija korrettament applikata, l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 1972/2003 jeżiġi li l-Istati Membri ġodda iħejju, mingħajr dewmien, inventarju tal-ħażniet disponibbli fl-1 ta' Mejju 2004 u jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju 2004, il-kwantitajiet ta' prodotti li jinsabu fil-ħażniet żejda.

16 L-Artikolu 4(5) ta' dan ir-regolament jipprevedi, fir-rigward tal-Estonja, li dan japplika b'mod partikolari għall-prodotti koperti bil-Kodiċi 0405 10 tan-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-"NM"), jiġifieri l-butir.

17 Skont l-Artikolu 10 tiegħu, dan ir-regolament kien applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004 sat-30 ta' April 2007.

Ir-Regolament Nru 1789/2003

18 L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), jikkostitwixxi n-NM. Din tal-aħħar hija aġġornata mill-Kummissjoni dabra fis-sena. Ir-Regolament Nru 1789/2003 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

Id-dritt Estonjan

19 Fis-7 ta' April 2004, ir-Riigikogu (Parlament) adotta l-Liġi dwar it-taxxa fuq il-ħażniet żejda (Üleliigse laovaru tasu seadus, RT I 2004, 30, 203, iktar 'il quddiem l-"ÜLTS"). Din il-liġi kienet ġiet ippubblikata fir-*Riigi Teataja* fis-27 ta' April 2004 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.

20 Skont l-Artikolu 7 tal-ÜLTS, il-"ħażna żejda" hija ekwivalenti għad-differenza bejn il-ħażna effettivament miżmuma fl-1 ta' Mejju 2004 u l-ħażna ttrasferita 'l quddiem.

21 L-Artikolu 6 tal-ÜLTS jiddefinixxi l-kunċett ta' "ħażna ttrasferita 'l quddiem" bħala l-medja annwali tal-ħażniet miżmuma matul l-erba' snin qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Estonja mal-Unjoni, jiġifieri s-snin 2000 sa 2003, immultiplikata b'1.2.

22 Skont l-Artikolu 10 tal-ÜLTS, il-ħażna ttrasferita 'l quddiem u l-ħażna żejda huma kkalkolati mill-Põllumajandusministeerium abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-operatur. Fuq talba mmotivata ta' dan tal-aħħar, il-Põllumajandusministeerium jista' jieħu inkunsiderazzjoni ċerti fatturi li jistgħu jispjegaw żieda fil-ħażniet, indipendentement minn kull spekulazzjoni.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

23 Fid-29 ta' Ottubru 2004, il-Põllumajandusministeerium iddetermina li Pimix kellha ħażna żejda ta' 550 tunnellata ta' butir naturali kopert mill-kodiċi tan-NM 0405 10 19.

24 Fis-26 ta' Novembru 2004, il-Maksu- ja Tolliameti Lõuna maksu- ja tollikeskus, permezz ta' avviż għall-ħlas tat-taxxa, iffissat l-ammont tat-taxxa dovuta minn Pimix fuq din il-ħażna żejda għal EEK 16 318 500. Sabiex tikkonforma ruħha ma' sentenza tar-Riigikohus tal-5 ta' Ottubru 2006,

il-Maksu- ja Tolliameti Lõuna maksu- ja tollikeskus irtirat dan l-avviż u, fid-29 ta' Marzu 2007, permezz ta' avviż għall-ħlas tat-taxxa ġdid, iffissat l-ammont ta' din it-taxxa dovuta minn Pimix għal dan l-istess ammont skont ir-rata li tirriżulta mill-Artikolu 14(2) tal-ÜLTS u mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1972/2003.

25 Pimix ikkontestat id-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 2004 kif ukoll l-avviż għall-ħlas tat-taxxa tad-29 ta' Marzu 2007. Ir-rikorsi tagħha quddiem il-qrati tal-Prim'Istanza u tal-appell ġew miċħuda. Fil-kuntest ta' appell fuq punt ta' liġi, Pimix ilmentat li l-qrati li quddiemhom tressqet il-kawża applikaw ir-Regolamenti Nri 1789/2003 u 1972/2003, anki jekk dawn ma kinux ġew ippubblikati, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u anki jekk, barra minn hekk, mill-1 ta' Mejju 2004, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi n-NM ma kinitx iktar fis-seħħ. Hija u tibbaża ruħha fuq is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Skoma-Lux (C-161/06, Ġabra p. I-10841), Pimix issostni li l-awtoritajiet Estonjani ma setgħux jimponu fir-rigward tagħha obbligi li jirriżultaw minn regoli li ma ġewx inklużi fid-dritt nazzjonali u li ma ġewx ippubblikati regolarment qabel il-5 ta' Marzu 2005.

26 Il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni għall-kawża mressqa quddiemha teħtieġ li jsir magħruf jekk, waqt id-determinazzjoni tal-ħażna żejda ta' Pimix, l-awtoritajiet Estonjani bbażawx ruħhom biss fuq id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni implementati mill-ÜLTS jew jekk huma applikawx direttament din il-leġiżlazzjoni qabel il-pubblikazzjoni tagħha, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

27 Il-qorti tar-rinviju hija tal-opinjoni li l-elementi essenzjali tat-tassazzjoni, jiġifieri d-debitur tagħha, l-oġġett tagħha u r-rata tagħha, ma jirriżultawx b'mod ċar u dirett mill-ÜLTS. Bosta dispożizzjonijiet tal-ÜLTS fil-fatt jirreferu għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għaldaqstant, fir-rigward tad-debitur tat-taxxa, il-kunċett ta' "operatur" huwa ddefinit fl-Artikolu 5(1) tal-ÜLTS b'riferiment għall-kunċett ta' "prodotti agrikoli", huwa stess introdott fl-Artikolu 2 tal-ÜLTS b'riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1972/2003 relatati mal-Estonja. Din il-qorti tosserva li din l-aħħar dispożizzjoni ma hijiex ċara, għaliex, sabiex jinftiehem il-kontenut tan-NM, għandu jsir riferiment għar-Regolament Nru 1789/2003.

28 Issa, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, fil-mument li fih Pimix kienet obbligata tippreżenta d-dikjarazzjoni tagħha, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tifhem in-neċessità jew li tkun taf fir-rigward ta' liema prodotti agrikoli dan l-obbligu dikjarattiv kien tnissel. Fil-fatt, fl-1 ta' Mejju 2004, data li fiha kellha tiġi ddeterminata l-kwantità ta' ħażniet żejda, u waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 2004 li tiffissa l-kwantità ta' ħażniet żejda għal Pimix, ir-Regolamenti Nri 1789/2003 u 1972/2003 ma kinux ġew ippubblikati bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

29 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tan-NM prevista fir-Regolament Nru 1789/2003, il-qorti tar-rinviju tindika li, fl-1 ta' Mejju 2004, din ma kienet riprodotta f'ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li dak iż-żmien kienet fis-seħħ.

30 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-qorti nazzjonali tistaqsi jekk l-Artikolu 2 tal-ÜLTS, billi jirreferi għal regolament tal-Unjoni li ma ġiex ippubblikat, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jikkostitwixxix implementazzjoni ta' dan ir-regolament, fis-sens ikkontemplat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Balbiino (C-560/07, Ġabra. p. I-4447), u tad-29 ta' Ottubru 2009, Rakvere Lihakombinaat (C-140/08, Ġabra p. I-10533).

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Riigikohus iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Skoma-Lux, Balbino, u Rakvere Lihakombinaat], id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 288 tat-[TFUE] u tal-Artikolu 58 tal-Att ta' adeżjoni [tal-2003] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jista' jiġi rikjest li individwu għandu jissodisfa l-obbligu li jirriżulta mir-Regolament [Nru 1972/2003]

a) minkejja l-fatt li, fl-1 ta' Mejju 2004, dan ir-regolament ma kienx ippubblikat fl-Estonjan [f'*Il-*]*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

b) u minkejja l-fatt li l-leġiżlatur tal-Istat Membru naqas milli jirrediġi, f'att ta' dritt intern, id-definizzjoni tal-prodotti agrikoli prevista mir-regolament, iżda għamel sempliċi riferiment għall-Artikolu 4(5) [tal-istess] regolament [...], li ma kienx ippubblikat [regolarment],

c) filwaqt li l-individwu ssodisfa wieħed mill-obbligi li jirriżultaw mir-[R]egolament [Nru 1972/2003] (iddikjara l-ħażna konformi mal-kodiċi applikabbli għall-merkanzija) u li ma ġiex ikkontestat f'dan is-sens,

d) u kien is-suġġett għal tassazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru f'data meta r-Regolament Nru 1972/2003 kien diġà ppubblikat bl-Estjonjan f'[*Il-*]*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*?

2) Mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni [tal-2003], tal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-premessa 3 u mill-Artikolu 4 tar-Regolament [Nru 1972/2003], jista' jiġi konkluż li l-Istat Membru jista' jimponi fuq l-individwu l-ħlas ta' taxxa fuq il-ħażniet żejda jekk, fl-1 ta' Mejju 2004, ir-Regolament Nru 1972/2003 ma kienx ippubblikat bl-Estonjan [f'*Il-*]*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iżda li, meta saret it-tassazzjoni ulterjuri mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, dan ir-regolament kien diġà ġie ppubblikat bl-Estonjan [f'*Il*]-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*?"

Fuq id-domandi preliminari

32 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li hemm lok li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi, fl-Estonja, l-applikazzjoni fir-rigward ta' individwi ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1792/2003 li, fl-1 ta' Mejju 2004, la kienu ppubblikati bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u lanqas riprodotti fid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, u dan anki jekk dawn l-individwi setgħu jsiru jafu dwar dawn id-dispożizzjonijet permezz ta' mezzi oħra.

33 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li prinċipju fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jeħtieġ li att adottat mill-awtoritajiet pubbliċi ma għandux ikun infurzabbli fir-rigward ta' dawk ikkonċernati qabel ma huma jkollhom il-possibbiltà li jsiru jafu dwaru permezz ta' pubblikazzjoni regolarment f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (sentenzi tal-25 ta' Jannar 1979, Racke, 98/78, Ġabra p. 69, punt 15, u Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37).

34 Barra minn hekk, mill-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jirriżulta li l-atti adottati qabel l-adeżjoni mill-istituzzjonijiet jorbtu lill-Istati Membri l-ġodda u huma applikabbli f'dawn l-Istati mill-mument tal-adeżjoni. Madankollu, l-infurzabbiltà tagħhom fir-rigward tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi f'dawn l-Istati hija suġġetta għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tad-dritt Komunitarju fl-Istati Membri skont kif previsti mit-trattati oriġinali u, għall-Istati Membri l-ġodda, mill-Att ta' Adeżjoni tal-2003 innifsu (sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

35 Fir-rigward tar-regolamenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni kif ukoll tad-direttivi ta' dawn l-istituzzjonijiet li huma indirizzati lill-Istati Membri kollha, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 297(2) TFUE jirriżulta li dawn l-atti jistgħu jipproduċu effetti legali biss jekk huma jkunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

36 Dawn il-prinċipji għandhom jiġu osservati wkoll u għandhom l-istess konsegwenzi meta, għall-implementazzjoni tagħha, leġiżlazzjoni tal-Unjoni tobbliga lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jimponu obbligi fir-rigward tal-individwi. Għaldaqstant, tali miżuri għandhom jiġu ppubblikati sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jsiru jafu dwarhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2002, Mulligan *et*, C-313/99, Ġabra p. I-5719, punti 51 u 52). Il-persuni kkonċernati għandhom ukoll ikollhom il-possibbiltà li jinfurmaw irwieħhom dwar is-sors tal-miżuri nazzjonali li jimponu obbligi fir-rigward tagħhom. Għaldaqstant, għandhom jiġu ppubblikati mhux biss il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda wkoll l-att tad-dritt tal-Unjoni li, skont il-każ, jobbliga lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jimponu obbligi fir-rigward tal-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Heinrich, C-345/06, Ġabra p. I-1659, punti 45 sa 47).

37 Barra minn hekk, mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 kif ukoll tal-Artikoli 4, 5 u 8 tar-Regolament Nru 1 jirriżulta li pubblikazzjoni regolarment ta' regolament tal-Unjoni, fir-rigward ta' Stat Membru li l-lingwa tiegħu hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni, għandha tfisser il-pubblikazzjoni ta' dan l-att, f'din il-lingwa, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. (sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

38 Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 jipprekludi li l-obbligi li jinsabu f'leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa ta' Stat Membru ġdid, filwaqt li din hija lingwa uffiċjali tal-Unjoni, jistgħu jiġu imposti fir-rigward ta' individwi f'dan l-Istat, anki jekk dawn il-persuni setgħu jsiru jafu dwar din il-leġiżlazzjoni b'mezzi oħra. (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Skoma-Lux, punt 51, u Balbiino, punt 30).

39 Billi adottat, fis-7 ta' April 2004, l-ÜLTS, ir-Repubblika tal-Estonja implementat l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament Nru 1972/2003 billi stabbilixxiet taxxa fuq il-ħażniet żejda ta' prodotti agrikoli u billi ddefinixxiet il-metodi tal-kalkolu tagħha. L-ÜLTS għalhekk toħloq, fl-Estonja, obbligi fir-rigward tal-individwi, minkejja l-fatt li dan ir-regolament ma jistax jiġi infurzat fir-rigward tagħhom qabel ma huma kellhom l-opportunità jsiru jafu dwaru permezz ta' pubblikazzjoni regolarment f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-lingwa ta' dan l-Istat Membru. Dawn l-obbligi jinkludu dak li jiġu ddikjarati lill-Põllumajandusministeerium, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju 2004, il-ħażniet ta' ċerti prodotti agrikoli fil-pussess tagħhom fl-1 ta' Mejju 2004. Huwa paċifiku li l-obbligu ta' ħlas tat-taxxa fuq il-ħażniet żejda huwa għaldaqstant iddeterminat abbażi tal-ħażniet ta' prodotti miżmuma f'din id-data. Għaldaqstant id-data ta' ħruġ tal-avviż għall-ħlas tat-taxxa ma għandhiex effett fuq il-fatt li jiġġenera l-imsemmija taxxa. Għaldaqstant, fil-kawża prinċipali, il-fatt li l-avviż għall-ħlas tat-taxxa tad-29 ta' Marzu 2007 inħareġ wara l-pubblikazzjoni, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-Regolamenti Nri 1789/2003 u 1972/2003 ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ÜLTS, l-imsemmija regolamenti setgħu jiġu infurzati fir-rigward ta' Pimix.

40 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-regola li tirriżulta mis-sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, ma tostakolax l-infurzabbiltà, fir-rigward tal-individwi, ta' dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1972/2003 li ġew riprodotti fil-kuntest tal-ÜLTS. Madankollu, din ir-regola tista' tibqa' applikabbli b'mod residwali fis-sitwazzjoni fejn ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li ma ġewx implementati mill-ÜLTS ikunu invokati mill-awtoritajiet Estonjani fir-rigward ta' individwi qabel il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-imsemmi regolament bl-Estonjan. (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Balbiino, punt 32, u Rakvere Lihakombinaat, punt 34).

41 Ir-Regolament Nru 1972/2003 jimponi lill-Istati Membri jintaxxaw il-ħażniet żejda eżistenti fl-1 ta' Mejju 2004 għal ċerti prodotti agrikoli ddefiniti mill-kodiċijiet tan-NM tagħhom. Issa, fl-1 ta' Mejju 2004, dan ir-regolament ma kienx ġie ppubblikat bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*, peress li din il-pubblikazzjoni seħħet biss fit-3 ta' Marzu 2005. Fir-rigward tar-Regolament Nru 1789/2003 li kien jinkludi n-NM li dak iż-żmien kienet fis-seħħ, dan ġie ippubblikat bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biss fis-6 ta' Awwissu 2004. Meta l-ÜLTS daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, l-individwi ma kinux f'pożizzjoni li jsiru familjari mal-prodotti suġġetti għat-taxxa fuq il-ħażniet żejda permezz ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li kienet ġiet ippubblikata, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-ÜLTS ma ddefinixxietx dawn il-prodotti, iżda sempliċement irreferiet għall-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1972/2003. L-individwi lanqas ma setgħu jidentifikaw dawn il-prodotti permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, peress li n-nomenklatura doganali Estonjana ġiet abrogata mill-1 ta' Mejju 2004.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jitqies li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Nri 1789/2003 u 1972/2003 ma setgħux jiġu infurzati fir-rigward tal-individwi fl-Estonja mill-1 ta' Mejju2004, peress li ma kinux ġew ippubblikati, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew riprodotti fid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru.

43 Il-Gvern Estonjan madankollu jenfasizza li, fil-kawża prinċipali, Pimix kienet konxja mill-estent tal-obbligi tagħha mill-1 ta' Mejju 2004 peress li l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 kien diġà jipprevedi t-tassazzjoni tal-ħażniet żejda ta' prodotti agrikoli. Dan il-gvern iqis li n-nuqqas ta' infurzabbiltà fir-rigward tal-individwi tar-Regolament Nru 1972/2003 huwa kuntrarju għall-għan ta' dan ir-regolament u tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 li jikkonsisti fil-ġlieda kontra l-ispekulazzjoni fuq il-prodotti agrikoli.

44 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-osservanza tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 33 sa 38 ta' din is-sentenza, ibbażata fuq il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza fit-trattament, ma hijiex kuntrarja għal dak ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, peress li dan l-aħħar prinċipju ma jistax jikkonċerna regoli li għadhom ma humiex infurzabbli fir-rigward tal-individwi. Il-fatt li, f'isem il-prinċipju ta' effettività, tiġi ammessa l-infurzabbiltà ta' att li ma ġiex ippubblikat regolarment jwassal sabiex l-individwi fl-Istat Membru kkonċernat ikollhom ibatu l-konsegwenzi negattivi tan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li l-amministrazzjoni tal-Unjoni kellha li tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, fid-data tal-adeżjoni, l-acquis Komunitarju kollu bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni (sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

45 Il-Gvern Estonjan isostni wkoll li Pimix wettqet mingħajr diffikultajiet l-obbligi dikjarattivi tagħha skont l-ÜLTS, u b'hekk uriet li hija kienet konxja tal-estent tal-obbligi tagħha anki qabel il-pubblikazzjoni, regolarment, bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, tar-Regolamenti Nri 1789/2003 u 1972/2003.

46 Madankollu, il-fatt li l-kumpannija rikorrenti fil-kawża prinċipali ddikjarat b'eżatezza l-kwantitajiet ta' prodotti taxxabbli fil-pussess tagħha fl-1 ta' Mejju 2004 u għaldaqstant kienet informata bir-regoli tal-Unjoni applikabbli ma huwiex biżżejjed sabiex jirrendi infurzabbli fir-rigward tagħha leġiżlazzjoni tal-Unjoni li ma ġietx ippubblikata regolarment f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Skoma-Lux, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

47 Fid-dawl ta' dan kollu li ntqal, hemm lok li r-risposta għad-domandi magħmula tkun li l-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi, fl-Estonja, l-applikazzjoni fir-rigward ta' individwi ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1972/2003 li, fl-1 ta' Mejju 2004, la kienu ppubblikati bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u lanqas riprodotti fid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, u dan anki jekk dawn l-individwi setgħu jsiru jafu dwar dawn id-dispożizzjonijiet permezz ta' mezzi oħra.

Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 58 tal-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi, fl-Estonja, l-applikazzjoni fir-rigward ta' individwi ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1972/2003, tal-10 ta' Novembru 2003, dwar il-miżuri tranżitorji li għandhom ikunu adottati fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti agrikoli minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Polonja, Slovenja u Slovakkja, li, fl-1 ta' Mejju 2004, la kienu ppubblikati bl-Estonjan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u lanqas riprodotti fid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, u dan anki jekk dawn l-individwi setgħu jsiru jafu dwar dawn id-dispożizzjonijiet permezz ta' mezzi oħra.

Firem